



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15557/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0394(COD)

CLIMA 641
ENV 1240
AGRI 690
FORETS 129
ENER 650
IND 526
COMPET 983
CODEC 1902

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 672 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 672 final.

Mehmuż: COM(2022) 672 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2022
COM(2022) 672 final

2022/0394 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju

{SEC(2022) 423 final} - {SWD(2022) 377 final} - {SWD(2022) 378 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura medja globali għal inqas minn 1,5 °Celsius (C) se tirrikjedi tnaqqis kbir fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra (GHG) matul id-deċennji li ġejjin. Biex niks bu dan, l-ewwel jeħtieġ li ntejbu l-effiċjenza tal-bini, tal-modalitajiet tat-trasport u tal-industriji tagħna, filwaqt li nimxu lejn ekonomija ċirkolari, u nespandu b'mod massiv l-enerġija rinnovabbli. It-tieni, jeħtieġ li nirriċiklaw il-karbonju minn flussi ta' skart, minn sorsi sostenibbli ta' bijomassa jew direttament mill-atmosfera, biex nużawh minflok il-karbonju fossili fis-setturi tal-ekonomija li inevitabbilmment se jibqgħu dipendenti fuq il-karbonju, pereżempju permezz tal-qbid u użu tal-karbonju (CCU) u l-fjuwils sintetiċi sostenibbli. B'mod parallel, ammonti dejjem akbar ta' diossidu tal-karbonju (CO₂) se jkollhom jinqabdu u jiġu assorbiti kull sena mill-atmosfera permezz tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u attivitajiet jew proġetti ta' assorbiment industrijali biex jiġu kkompensati l-emissjonijiet li huma diffiċli sabiex jittrażżnu minn setturi bħall-agrikoltura, is-siment, l-ażżar, l-avjazzjoni jew it-trasport marittimu, bil-għan li tintlaħaq in-newtralità klimatika.

Fuq skala globali, l-aħħar rapport¹ tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jindika probabbiltà dejjem tonqos li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C sakemm ma jseħħx tnaqqis rapidu fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG). Ir-rapport tal-IPCC jiddikjara b'mod ċar li "l-użu tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju biex jiġu kontroblanċjati l-emissjonijiet residwi li huma diffiċli sabiex jittrażżnu huwa inevitabbli jekk għandhom jintlaħqu l-emissjonijiet netti zero tas-CO₂ jew tal-gassijiet serra". Dan se jfisser l-użu fuq skala kbira ta' attivitajiet sostenibbli għall-qbid tas-CO₂ mill-atmosfera u l-ħżin fit-tul tiegħu f'riżervi ġeoloġiċi, f'ekosistemi terrestri u tal-baħar, jew fi prodotti.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima² tipprevedi li l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050. Dan jirrikjedi li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mod sinifikanti, u li l-emissjonijiet u l-assorbimenti inevitabbli għandhom ikunu bbilanċjati fl-Unjoni Ewropea sa mhux aktar tard mill-2050, bil-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, kemm l-ekosistemi naturali kif ukoll l-attivitajiet industrijali għandhom jikkontribwixxu għall-assorbiment ta' diversi mijiet ta' miljuni ta' tunnelli ta' CO₂ fis-sena mill-atmosfera. Illum u bil-politiki attwali, l-UE ma hijiex miexja fit-triq it-tajba biex tilħaq dawn il-kwantitajiet: l-assorbimenti tal-karbonju mill-ekosistemi naturali bdew jonqsu f'dawn l-aħħar snin, u fl-Unjoni ma huwa qed iseħħ l-ebda assorbiment industrijali sinifikanti tal-karbonju.

F'konformità max-xenarji vvalutati mill-IPCC, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari³ minn Marzu 2020 li se tiżviluppa qafas ta' ċertifikazzjoni effettiv għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju biex tinċentiva l-użu tal-assorbiment tal-karbonju u biex iżżid iċ-ċirkolarità tal-karbonju, b'ħarsien sħiħ tal-oġġettivi tal-bijodiversità u tat-tniġġis zero.

¹ Grupp ta' Ħidma III tal-IPCC (2022), Sommarju Tekniku. Fi: Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change. Sixth Assessment Report.

² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

³ COM(2020) 98 final.

L-oġġettivi ewlenin ta' din l-inizjattiva huma: (i) li tiġi żgurata l-kwalità għolja tal-assorbimenti tal-karbonju fl-UE, u (ii) li tiġi stabbilita sistema ta' ċertifikazzjoni tal-governanza tal-UE biex jiġi evitat il-greenwashing billi jiġu applikati u infurzati b'mod korrett il-kriterji qafas tal-kwalità tal-UE b'mod affidabbli u armonizzat madwar l-Unjoni. Dawn l-azzjonijiet huma meħtieġa biex jiskattaw azzjoni fl-użu tal-assorbimenti tal-karbonju u biex tinbena kwalunkwe politika futura f'dan il-qasam, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu assorbiti mijiet ta' miljuni tunnelli ta' CO₂ fis-sena. Dan se jappoġġa l-ilħuq tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif ukoll l-oġġettivi ambjentali l-oħra tal-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Skont il-proposta għall-emendar tar-Regolament dwar l-Użu tal-art, Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF)⁵, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet – għall-ewwel darba – mira ta' assorbimenti netti separata bbażati fuq l-art ta' -310 miljun tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030. Il-mira għall-UE kollha għandha tiġi implimentata permezz ta' miri nazzjonali vinkolanti għas-settur tal-LULUCF, li jirrikjedu li l-Istati Membri jsaħħu l-ambizzjoni għall-politiki tagħhom dwar l-użu tal-art. Din il-proposta tippermetti li jitwassal appoġġ aktar effettiv u bbażat fuq ir-riżultati lejn attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jistgħu jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' din il-mira. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li żżid id-daqs tal-Fond għall-Innovazzjoni⁶, li huwa ffinanzjat mid-dħul mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS)⁷, u b'hekk tgħin lin-negozji jinvestu f'teknoloġiji nodfa innovattivi, inklużi dawk li jiġġeneraw l-assorbimenti tal-karbonju.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli⁸ tisħaq fuq l-importanza li jiġi permess mudell tan-negozju li jippremja lill-maniġers tal-art għas-sekwestru tal-karbonju b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi (jiġifieri “sekwestru tal-karbonju f'art agrikola”), u li jinħoloq suq intern tal-UE għall-qbid, l-użu, il-ħżin u t-trasport tas-CO₂ permezz ta' teknoloġiji innovattivi. Il-komunikazzjoni tiddefinixxi wkoll pjan ta' azzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet ta' aspirazzjoni li ġejjin għall-assorbimenti tal-karbonju: sal-2028, il-maniġers kollha tal-art għandu jkollhom aċċess għal *data* vverifikata dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti biex ikejlu l-prattiki tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u għandu jiġi rrappurtat u kkunsidrat is-CO₂ kollu li jinqabad, jiġi ttrasportat, jintuża u jinħażen permezz ta' attivitajiet industrijali; sal-2030, l-approċċi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandhom jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira tal-LULUCF ta' assorbimenti netti ta' -310 Mt ekwivalenti ta' CO₂; u t-teknoloġiji industrijali għandhom jassorbu kull sena mill-inqas 5 Mt ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030.

Din il-proposta hija bi qbil wkoll mal-Proposti finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa⁹, b'mod partikolari l-Proposta 1 li espliċitament għandha l-għan li “Tintroduċi ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, ibbażata fuq kontabbiltà tal-karbonju robusta, solida u trasparenti” (miżura 5). Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-2022 dwar l-Ekoloġizzazzjoni tal-Kummissjoni¹⁰ ħabbret li, minbarra s-sett ambizzjuż ta' azzjonijiet għat-

⁴ COM(2019) 640 final

⁵ COM(2021) 554 final.

⁶ C(2019) 1492 final.

⁷ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁸ COM(2021) 800 final.

⁹ Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, Rapport dwar l-eżitu finali, Mejju 2022.

¹⁰ C(2022) 2230 final

tnaqquis tal-gassijiet serra, il-Kummissjoni se jkollha tibbaża wkoll fuq l-assorbiment tal-karbonju biex tinnewtralizza l-emissjonijiet inevitabbli u tikseb emissjonijiet netti ta' gassijiet serra żero sal-2030.

Il-qafas ta' ċertifikazzjoni deskritt f'din il-proposta huwa mfassal biex jibni fuq il-leġislazzjoni eżistenti li ġejja dwar it-tibdil fil-klima:

- Id-Direttiva dwar il-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂, imsejħa d-Direttiva dwar is-CCS¹¹, tistabbilixxi l-qafas legali ġenerali għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ b'mod sikur għall-ambjent. L-attivitajiet li jaħżnu s-CO₂ minn installazzjoni tal-ETS f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva dwar is-CCS huma inklużi b'mod espliċitu fid-Direttiva dwar l-EU ETS u l-kwoti tal-EU ETS iridu jiġu ċeduti fil-każ ta' tnixxijiet tas-CO₂. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni propost se jiżgura li l-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju għal attivitajiet industrijali bħall-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju (BECCS)¹² u l-Qbid u l-ħżin tal-Karbonju Dirett mill-Arja (DACCS) tkun bi qbil mar-regoli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066¹³ dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ambitu tal-ETS u l-metodoloġiji dettaljati tal-UE żviluppati mill-Kummissjoni¹⁴ għall-kwantifikazzjoni tal-evitar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-proġetti BECCS u DACCS fl-ambitu tal-Fond għall-Innovazzjoni¹⁵.
- Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-prodotti għall-ħżin tal-karbonju, ir-Regolament dwar il-LULUCF¹⁶ jipprovdi pjan ta' azzjoni għall-monitoraġġ u r-rapportar preċiż tal-assorbimenti tal-karbonju f'konformità mal-linji gwida tal-IPCC, u f'sinerġija mal-politiki dwar il-bijodiversità, it-tniġġis żero, l-enerġija rinnovabbli u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Ir-regoli stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-LULUCF jinkoraġġixxu l-monitoraġġ tal-użu tal-art b'mod ġeografikament espliċitu, b'kost baxx u fil-ħin, pereżempju permezz ta' bażijiet ta' *data* diġitali, is-Sistemi ta' Informazzjoni Ġeografika (GIS) u t-telerilevament, inklużi s-satelliti u s-servizzi Sentinel ta' Copernicus (eż. Servizzi Klimatiċi u tal-Art), jew servizzi disponibbli kummerċjalment.
- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE dwar l-assorbimenti tal-karbonju se jibni fuq jew se jaqdi rwol importanti biex jippermetti l-politiki tal-Unjoni li ġejjin:

¹¹ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

¹² Għall-implimentazzjoni tal-BECCS, huma meħtieġa salvagwardji biex jitqiesu l-limiti u d-disponibbiltà tal-bijomassa sostenibbli sabiex tiġi evitata domanda eċċessiva tal-bijomassa għall-enerġija b'effetti negattivi fuq il-bjar u l-istokkijiet tal-karbonju, il-bijodiversità, il-kwalità tal-arja u l-bijoekonomija.

¹³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

¹⁴ Sejħa għal proposti Anness C: Metodoloġija għall-kalkolu tal-evitar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

¹⁵ https://climate.ec.europa.eu/eu-action/funding-climate-action/innovation-fund_en

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

- Il-Liġi proposta dwar ir-Restawr tan-Natura¹⁷ tistabbilixxi l-għan li 20 % tal-art u tal-baħar tal-UE għandhom ikunu koperti minn miżuri ta' restawr sal-2030 u li l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr għandhom ikunu koperti minn miżuri ta' restawr sal-2050. Hemm ħafna sinerġiji fost l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, b'mod partikolari s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u l-miżuri għar-restawr tan-natura. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni propost għall-assorbimenti tal-karbonju se jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri ta' restawr u biex jiġu ssodisfati l-obbligi stabbiliti fil-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura. Pereżempju, l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jtejbu l-ħżin tal-karbonju jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi ssodisfat l-obbligu li tiġi żgurata xejra dejjem akbar fil-livell nazzjonali tal-istokk tal-karbonju organiku fl-ekosistemi tal-foresti u fil-ħamrija minerali użata għar-raba' fl-ekosistemi agrikoli. Dawn jistgħu jappoġġaw ukoll l-obbligu li jiġu stabbiliti miżuri ta' restawr għall-ħamrija organika fl-użu agrikolu li tikkostitwixxi torbieri skulati. Għalhekk, il-Liġi proposta dwar ir-Restawr tan-Natura u din il-proposta se jsaħħu lil xulxin, u b'hekk se jikkontribwixxu kemm għall-politiki dwar it-tibdil fil-klima kif ukoll għall-politiki dwar il-bijodiversità.
- Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tippredvi li jingħata appoġġ lill-bdiewa li jintrabtu li jwettqu prattiki jew investimenti ambjentali u klimatiċi speċifiċi. Din il-politika tinkludi wkoll xi kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi (imsejħa Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin, KAAT) li għandhom jiġarsu mill-bdiewa meta jirċievu appoġġ għall-introjt tal-PAK. Dawn il-kundizzjonijiet imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji. Ċerti kundizzjonijiet huma rilevanti għas-sekwestru u għall-protezzjoni tal-karbonju fil-ħamrija bħal fl-artijiet bil-ħaxix u fit-torbieri. Barra minn hekk, il-PAK tista' tgħin fl-adozzjoni ta' ċertifikazzjoni billi tkopri l-investimenti bil-quddiem u billi tippromwovi prattiki rilevanti fil-livell tal-farms. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-assorbiment tal-karbonju se jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwantifikazzjoni tal-gassijiet serra tal-prattiki appoġġati u tal-inventarji tal-gassijiet serra tas-settur nazzjonali tal-art. Permezz tal-iżvilupp volontarju tas-swieq, dan jista' jiżgura protezzjoni aktar fit-tul tal-istokkijiet tal-karbonju u tal-azzjonijiet fl-art mhux appoġġati mill-PAK. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni pubbliċi, żviluppata mill-Istati Membri, jistgħu japplikaw għar-rikonoxximent tal-UE skont din il-proposta sabiex jiġi implimentat il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-assorbiment tal-karbonju, inklużi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni stabbiliti f'din il-proposta. Barra minn hekk, din il-proposta se tippermetti d-divulgazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mhux tas-CO₂ bħala kobenefiċċji tal-assorbimenti tal-karbonju.
- Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli¹⁸ tinkludi sett ta' kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijoenerġija, li huma implimentati jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew minn skemi privati ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti mill-Kummissjoni. Dawn l-iskemi jistgħu potenzjalment jiċċertifikaw ukoll il-konformità tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju mal-kriterji tal-kwalità għall-assorbimenti tal-karbonju ppreżentati f'din il-proposta.
- L-Istrateġija tal-UE dwar il-Foresti¹⁹ tistabbilixxi l-qafas ta' politika biex jinkisbu foresti tal-UE li qed jikbru, b'saħħithom, diversi u reżiljenti, li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ambizzjoni ta' għana tal-bijodiversità, iżidu l-assorbimenti minn bjar naturali, jiżguraw l-għajxien fiż-żoni rurali u lil hinn u jappoġġaw bijoekonomija

¹⁷ COM(2022) 304 final.

¹⁸ Id-Direttiva 2018/2001/UE.

¹⁹ COM/2021/572 final

sostenibbli tal-foresti li tiddependi fuq l-aktar Prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jagħti lill-Unjoni d-dritt li taġixxi sabiex tilħaq l-oġġettivi tal-politika tagħha dwar l-ambjent. L-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent kif iddefiniti fl-Artikolu 191(1) tat-TFUE jinkludu, fost l-oħrajn, is-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

It-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera. L-effetti tiegħu huma globali, irrispettivament mill-post fejn jinsabu s-sorsi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Għalhekk, dawn l-isfidi ma jistgħux jiġu solvuti b'azzjoni nazzjonali jew lokali waħedha peress li dan x'aktarx ma jwassalx għal eżiti ottimali. Il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew issaħħaħ l-azzjoni klimatika u tista' tissupplimenta u ssaħħaħ l-azzjoni nazzjonali u lokali b'mod effettiv; L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata abbażi tas-sussidjarjetà, f'konformità mal-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Qafas Ewropew ikun aktar xieraq minn inizzjattivi nazzjonali fl-indirizzar tad-diffikultà biex tiġi vvalutata l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju. Tali qafas jgħid kundizzjonijiet ekwi fi ħdan is-suq intern għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, filwaqt li jsaħħaħ il-komparabbiltà u l-fiduċja. Taħlita ta' inizzjattivi nazzjonali f'dan il-qasam twassal biss biex taggrava l-problema aktar milli ssolviha.

• Proporzjonalità

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi li jiġi stabbilit qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għal assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja. Din tipprevedi kriterji ta' kwalità għall-assorbimenti tal-karbonju, ir-regoli u l-proċeduri meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni u għall-verifika tal-assorbimenti tal-karbonju u qafas għar-rikonoxximent ta' skemi ta' ċertifikazzjoni privati u pubbliċi.

• Għażla tal-istrument

L-oġġettivi ta' din il-proposta jistgħu jintlaħqu l-aħjar permezz ta' Regolament. Dan se jiżgura l-applikabbiltà diretta u uniformi tad-dispożizzjonijiet fl-Unjoni fl-istess ħin. Ir-rekwiżiti jitqiegħdu fuq l-operaturi ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji, fuq l-Istati Membri fid-dawl tar-rikonoxximent ta' skemi ta' ċertifikazzjoni pubbliċi u fuq il-Kummissjoni fir-rigward tar-rapportar u r-rieżami.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, saru għadd ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni:

- Konferenza online dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli li saret fil-31 ta' Jannar 2022;
- Sejħa għal evidenza li saret mis-7 ta' Frar sat-2 ta' Mejju 2022, li rċeviet 231 tveġiba;
- Konsultazzjoni pubblika miftuħa li saret mis-7 ta' Frar sat-2 ta' Mejju 2022, li rċeviet 396 tveġiba.

B'mod ġenerali, l-attivitajiet ta' konsultazzjoni pubblika wrew appoġġ ġenerali qawwi għal inizzjattiva regolatorja li tkopri l-ħolqien ta' qafas ta' ċertifikazzjoni għall-assorbimenti tal-karbonju. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kienu favur li l-inizzjattiva tkopri firxa wiesgħa ta' għażliet ta' assorbimenti tal-karbonju u li jitqiesu aspetti bħal: l-iżgurar ta' kejl preċiż, bir-reqqa u fil-ħin għall-assorbimenti; l-iżgurar li azzjoni b'saħħitha biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ma tiddgħajjifx billi l-enfasi tinqaleb fuq l-assorbimenti tal-karbonju; l-ġħoti ta' garanziji suffiċjenti għad-durata tal-ħżin tal-karbonju u l-prevenzjoni ta' treġġigħ lura.

Il-kriterji ewlenin li l-partijiet ikkonċernati qiesu importanti għall-assorbimenti tal-karbonju kienu jinkludu r-robustezza tal-aspetti ta' monitoraġġ, ta' rapportar u ta' verifika, il-potenzjal għall-użu fuq skala kbira, il-prontezza teknika u l-fattibbiltà ekonomika, u l-potenzjal għall-kobenefiċċji ambjentali. Il-maġġoranza tar-rispondenti qablu li l-istabbiliment ta' sistema ta' ċertifikazzjoni robusta u kredibbli għall-assorbimenti tal-karbonju huwa l-ewwel pass essenzjali lejn il-kisba ta' kontribuzzjoni netta mill-assorbimenti tal-karbonju f'konformità mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE.

Ir-rispondenti indikaw li l-oġettivi ewlenin għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju għandhom ikunu: li jiġu permessi l-komparabbiltà u l-kompetizzjoni bejn attivitajiet differenti għall-assorbimenti tal-karbonju; li tiżdied it-trasparenza u li jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għas-swieq volontarji tal-karbonju; u, li jingħataw inċentivi pubbliċi aħjar għall-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura u dawk industrijali fil-programmi ta' finanzjament tal-UE u dawk nazzjonali.

Skont il-maġġoranza tar-rispondenti, ir-rwol tal-UE għandu jkun li tistabbilixxi rekwiżiti komprensivi ta' kwalità għall-assorbimenti tal-karbonju, li tiżgura kwantifikazzjoni korretta tal-assorbimenti tal-karbonju, tal-addizzjonalità, tal-ħżin fit-tul u tas-sostenibbiltà ambjentali. Sommarju tas-sejbiet mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati huwa ppreżentat fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' dan ir-Regolament.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Konsorzju estern ta' esperti ngħata l-kompitu li jwettaq studju ta' assistenza teknika biex jikkontribwixxi għat-tħejjija tar-Regolament propost dwar l-assorbimenti tal-karbonju u l-valutazzjoni tal-impatt relatata. L-istudju ta' rieżami tal-mekkaniżmi u tal-iskemi eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju u valutazzjoni sinottika tad-diversi attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, inklużi l-assorbiment permanenti, il-prodotti tal-ħżin tal-karbonju u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. F'isem il-Kummissjoni, il-konsorzju estern organizza għadd ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni, inkluża l-Konferenza dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, u għen fil-valutazzjoni tat-tveġibiet għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Fl-aħħar nett, l-istudju dwar l-assistenza teknika pprova parti mid-*data* li tinfed l-analiżi tal-għażliet ta' politika stabbiliti fil-valutazzjoni tal-impatt.

- **Valutazzjoni tal-impatt u opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta vvalutat għażliet ta' politika differenti biex jiġu indirizzati tliet problemi ewlenin li għandhom impatt fuq l-iżvilupp futur tal-assorbimenti tal-karbonju.

L-ewwel problema hija d-diffikultà li tiġi vvalutata u mqabbla l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju, li toħloq kostijiet sinifikanti ta' tiftix għall-finanzjaturi potenzjali tal-assorbimenti tal-karbonju. Dan huwa "falliment tas-suq" tipiku, li jgħaliq riskju li l-appoġġ finanzjarju jmur għal attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li ma jistgħux jiġu invokati bħala azzjonijiet ta' mitigazzjoni effettivi. Din il-problema għandha żewġ xprunaturi:

1. L-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju hija ferm inqas komuni minn dik tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, u tinvolvi diversi sfidi metodoloġiċi. Skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jipproponu metodoloġiji differenti biex jikkwantifikaw l-assorbimenti totali u addizzjonali tal-karbonju, biex jinċentivaw il-ħżin fit-tul tal-karbonju, u biex jinkludu aspetti ta' sostenibbiltà usa' bħall-impatti ambjentali (eż. it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis, eċċ.) tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.
2. L-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju (jiġifieri l-assorbiment permanenti, il-prodotti tal-ħżin tal-karbonju u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola) huma eteroġeni ħafna f'termini tal-maturità, tal-kosteffettività u tal-kostijiet ta' monitoraġġ relatati tagħhom, u jgħaliq sfidi differenti għaċ-ċertifikazzjoni.

Biex tindirizza din il-problema, din l-inizjattiva għandha l-għan li tiggarantixxi l-kwalità tal-assorbimenti kollha tal-karbonju ċertifikati fl-UE permezz ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni li huma mfassla apposta għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' attivitajiet differenti ta' assorbiment tal-karbonju.

Għal dan il-għan, din l-inizjattiva tipproponi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-assorbimenti tal-karbonju abbażi ta' erba' kriterji ta' kwalità (minn hawn 'il quddiem imsejħa QU.A.L.ITY), li jindikaw kif għandhom jiġu żgurati l-Kwantifikazzjoni, l-Addizzjonalità u l-linji bażi, il-ħżin fit-tul u s-Sostenibbiltà. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tidentifika għadd ta' Prattiki tajbin għal kull wieħed minn dawk il-kriterji QU.A.L.ITY, filwaqt li tirrikonoxxi li l-approċċ ta' ċertifikazzjoni għal kull kriterju se jvarja bejn l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju.

Fit-tieni pass, se jkollhom jiġu żviluppati metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati biex jiġu implimentati l-kriterji QU.A.L.ITY fl-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju. F'dan il-pass, se jitfasslu apposta regoli speċifiċi għall-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju: pereżempju, ir-regoli se jirrikonoxxu l-garanziji b'saħħithom għall-permanenza offruti minn soluzzjonijiet li jaħżnu l-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi, filwaqt li jtejbju l-kobenefiċċji għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. F'dan ir-rigward, il-Valutazzjoni tal-Impatt tqabbel żewġ għażliet ta' Kwalità:

- Għażla Q1: l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jiżviluppaw metodoloġiji f'konformità mal-kriterji QU.A.L.ITY u jissottomettuhom għar-rikonoxximent lill-awtorità pubblika responsabbli;
- Għażla Q2: il-Kummissjoni tiżviluppa l-metodoloġiji f'konsultazzjoni mill-qrib ma' grupp ta' esperti.

L-analiżi tikkonkludi li l-għażla Q2 għandha l-akbar potenzjal li tiggarantixxi l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju u li tiżgura l-komparabbiltà tagħhom, filwaqt li timminimizza l-kostijiet amministrattivi tal-iżvilupp jew l-approvazzjoni ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati.

It-tieni problema hija li ħafna partijiet ikkonċernati ma jafdawx iċ-ċertifikati għall-assorbiment tal-karbonju minħabba li iċ-ċertifikati jistgħu jiġu ġġenerati permezz ta' proċessi ta' ċertifikazzjoni mhux trasparenti u mhux affidabbli li jiċċertifikaw attivitajiet li ma humiex qed irendu benefiċċji reali għall-klima u għas-sostenibbiltà. Sabiex tiġi indirizzata din il-problema, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu regoli u proċeduri trasparenti u robusti biex jimmitigaw ir-riskji li l-proċess ta' ċertifikazzjoni ma jkunx jista' jidentifika assorbimenti ta' kwalità baxxa, li l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju fil-fatt ma humiex qed iwettqu l-assorbimenti kif ipplanat, u li l-istess attività tiġi ċċertifikata darbtejn, jew li l-istess ċertifikat jintuża darbtejn.

It-tielet problema hija li l-fornituri tal-assorbimenti tal-karbonju jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw il-finanzjament. Din il-problema hija xprunata mill-fatt li hemm varjetà wiesgħa ta' modi kif jintużaw iċ-ċertifikati għall-assorbiment tal-karbonju (eż. il-finanzjament pubbliku, ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà, l-ekotikketti, is-swieq volontarji tal-karbonju eċċ.). Din id-diversità toħloq kostijiet tat-tranżazzjonijiet għal dawm li jridu li jkollhom l-attività tal-assorbiment tal-karbonju tagħhom iċċertifikata, bħall-kostijiet tat-tiftix (iż-żmien u l-isforz li jkun sar biex wieħed jifhem il-kwalità tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni ta' skema partikolari) u l-kostijiet tal-bdil (il-kost biex wieħed jipprova jżid tipi oħra ta' finanzjament komplementari jew alternattivi, li x'aktarx ikun jirrikjedi tibdil fl-operazzjonijiet tagħhom u l-provvediment ta' sett differenti ta' evidenza u informazzjoni).

Sabiex jiġu indirizzati t-tieni u t-tielet problemi, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni armonizzati biex tiġi żgurata t-trasparenza u tinbena l-fiduċja:

1. Ġestjoni tal-iskema: l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jitħaddmu abbażi ta' proċeduri affidabbli u trasparenti (eż. ġestjoni u monitoraġġ interni, ġestjoni tal-ilmenti u tal-appell, konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, trasparenza u pubblikazzjoni tal-informazzjoni, eċċ.);
2. Verifika indipendenti: il-konformità tal-assorbimenti tal-karbonju mal-kriterji Q.U.A.L.I.T.Y għandha tiġi vverifikata minn awdituri ta' partijiet terzi; u,
3. Divulgazzjoni sħiħa: l-informazzjoni kollha dwar l-assorbimenti iċċertifikati tal-karbonju għandha tkun disponibbli għall-pubbliku u għandha tkun traċċabbli permezz ta' reġistri pubbliċi.

F'konformità ma' dawn il-kriterji ta' trasparenza, ġie stabbilit proċess biex jiġu rikonoxxuti l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u l-operaturi jistgħu jużaw biss skemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti (jiġifieri sidien ta' attivitajiet ta' assorbimenti tal-karbonju) biex juru konformità mal-kriterji Q.U.A.L.I.T.Y u mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni rilevanti.

F'dan il-kuntest, il-Valutazzjoni tal-Impatt tqabbel żewġ għażliet ta' Governanza fir-rigward ta' min ikun responsabbli għar-rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni: l-Istati Membri (l-għażla G1) jew il-Kummissjoni (l-għażla G2). L-analiżi tikkonkludi li l-għażla G2 taħdem l-aħjar f'termini li tiggarantixxi proċess ta' ċertifikazzjoni robust u armonizzat u tippromwovi s-suq intern għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, filwaqt li timminimizza l-kostijiet amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi.

Bħala konklużjoni, l-għażla politika ppreferuta hija waħda fejn il-Kummissjoni: (i) tiżviluppa metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, f'konsultazzjoni mal-esperti u mal-partijiet ikkonċernati; u (ii) tarmonizza l-implimentazzjoni tal-qafas ta' ċertifikazzjoni u tal-kriterji Q.U.A.L.I.T.Y permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti.

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt, il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-konsistenza tal-proposta mal-oġġettivi stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif previst fl-Artikolu 6(4) tal-Liġi

Ewropea dwar il-Klima. Il-Kummissjoni sabet li l-approċċi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jistgħu jgħinu biex tintlaħaq il-mira separata għall-2030 proposta għas-settur tal-LULUCF bil-pakkett leġislativ "Lesti għall-Mira ta' 55 %" (-310 MT ekwivalenti ta' CO₂), u b'hekk, jinqabeż il-kontribut tal-assorbimenti tal-karbonju tal-LULUCF għall-mira ta' 55 % għall-ekonomija kollha stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima (limitata għal -225 Mt ekwivalenti ta' CO₂). Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tinkludi wkoll mira għall-Unjoni biex issir newtrali għall-klima sal-2050 u biex tikseb emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, iżda l-Unjoni jeħtieġ li żżid l-użu ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju biex tilħaq dan l-oġettiv. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tanalizza għażliet ta' politika biex jiġu indirizzati l-ostakli li jimminaw l-adozzjoni ta' attivitajiet effettivi ta' assorbiment tal-karbonju, li ma għandhomx jiskoraġġixxu azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju pprova opinjoni pożittiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt u pprova lista ta' rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb ir-rapport bil-għan li jintwera aħjar li n-nuqqas ta' qafas ta' ċertifikazzjoni affidabbli jirrappreżenta l-ostaklu ewlieni biex jiġu żviluppati attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju kif ukoll biex jiġu ppreżentati aħjar l-għażliet ta' politika kollha dwar il-metodoloġija u l-governanza b'mod trasparenti.

Konsegwentement, l-aspetti li ġejjin ġew integrati fil-verżjoni finalizzata tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt:

- fl-introduzzjoni, il-kuntest tal-inizjattiva (jiġifieri r-rwol tal-assorbimenti tal-karbonju fl-oġettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 u fil-linja bażi ta' politika attwali) u n-natura volontarja tal-inizjattiva saru aktar ċari;
- fid-definizzjoni tal-problema, żdiedu referenzi ġodda biex jiġu kkonfermati l-eżistenza u l-iskala tal-problemi identifikati (b'mod partikolari n-nuqqas ta' fiduċja) u biex tiġi enfasizzata l-importanza ta' qafas b'armonizzazzjoni internazzjonali fil-fehmiet espressi mill-partijiet ikkonċernati;
- fit-taqsima dwar l-oġettivi, ġie ċċarat li t-tqegħid fil-lista l-qasira tal-erba' kriterji Q.U.A.L.I.T.Y issewwi kunsens ġenerali dwar x'jikkostitwixxi ċertifikazzjoni ta' kwalità għolja skont il-biċċa l-kbira tal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni eżistenti, u l-preżentazzjoni tal-kriterji fit-taqsima li tiddekrivi l-għażliet ta' politika issa tinkludi aktar argumenti mill-annessi ddedikati;
- sabiex titqies in-natura volontarja tal-qafas, żdiedu diversi kjarifiki (eż. l-oġettiv ta' "kundizzjonijiet ekwi" ġie fformulat mill-ġdid bħala "armonizzazzjoni");
- it-taqsima dwar l-għażliet ta' politika mwarrba tispjega aħjar għaliex twarrab l-użu obbligatorju tal-politika qafas ta' ċertifikazzjoni;
- it-taqsima dwar il-valutazzjoni tal-impatti tikkwota n-natura volontarja bħala riskju li jista' jimmina s-suċċess tal-inizjattivi, u miżuri biex jiġi mmitigat dan ir-riskju;
- il-valutazzjoni tal-għażliet ta' politika tidentifika aħjar l-ostakli biex jiżdiedu l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, u tispjega kif il-qafas ta' ċertifikazzjoni se jindirizza dawn l-ostakli; din it-taqsima tiċċara wkoll l-inċertezza relatata mad-dikjarazzjonijiet kwalitattivi dwar il-benefiċċji u l-kostijiet mistennija;
- it-taqsima dwar l-approċċ "one-in-one-out" tmexxiet minn anness għat-test ewlieni;
- it-taqsima dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-inizjattiva tinkludi oġettivi operazzjonali aktar elaborati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji ewlenin għall-Unjoni jikkonċernaw it-tħejjija tal-atti mhux leġiżlattivi u t-tħaddim tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju.

Il-proposta tipprevedi għadd ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni li għandhom jitħejjew b'mod parallel wara li jidħol fis-seħħ ir-Regolament propost. L-aktar importanti, se jkun meħtieġ li jiġu adottati atti delegati li jistabbilixxu l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għal attivitajiet differenti ta' assorbimenti tal-karbonju (eż. għall-assorbiment permanenti, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-prodotti tal-ħżin tal-karbonju).

Għat-tħejjija ta' dawn l-atti mhux leġiżlattivi tekniċi ħafna, il-Kummissjoni se tkun meħjuna minn Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju. Il-Grupp se jinkludi madwar 70 membru u jista' jinvolvi għadd ta' sottogruppi, inkluż għarfien espert addizzjonali. Dan se jiġi operat mill-Kummissjoni bl-għajjn ta' kuntrattur estern.

Barra minn hekk, l-implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni huma assoċjati mal-proċess ta' rikonossiment ta' skemi ta' ċertifikazzjoni pubbliċi jew privati li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' ċertifikazzjoni fi Stat Membru wieħed jew aktar. Huma previsti wkoll implikazzjonijiet baġitarji għal daww l-Istati Membri li beħsiebhom jistabbilixxu u joperaw skema nazzjonali ta' ċertifikazzjoni, inklużi s-superviżjoni ta' korpi ta' ċertifikazzjoni indipendenti u l-istabbiliment u t-tħaddim ta' reġistru nazzjonali.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva turi l-implikazzjonijiet baġitarji dettaljati u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa b'din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar ippubblikati f'Novembru 2021 u b'mod partikolari l-għodda 38, il-Kummissjoni se tfassal strateġija ta' implimentazzjoni wara li l-koleġiżlaturi jadottaw il-proposta leġiżlattiva. Se tippreżenta l-għodod differenti għall-promozzjoni tal-konformità li jridu jintużaw u se tinkludi aspetti relatati mal-implimentazzjoni diġitali.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet u l-istruttura tar-Regolament propost jikkorrispondu għall-oġġettiv tal-inizjattiva li jinhloq qafas ta' ċertifikazzjoni trasparenti u kredibbli għall-assorbimenti tal-karbonju b'integrità klimatika u ambjentali għolja, sabiex jiġu appoġġati l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li huma lesti jagħmlu l-isforz żejjed, lil hinn milli jnaqqsu kemm jista' jkun l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom, u li jgħibu l-attivitajiet tagħhom għal-livell ta' sostenibbiltà, fil-kuntest taż-żieda fl-ambizzjoni klimatika ddikjarata fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Id-dispożizzjonijiet ewlenin tar-Regolament propost huma dawn li ġejjin:

L-oġġettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament huma definiti fl-Artikolu 1. Din il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja permezz ta' qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni. Dan l-Artikolu jiddefinixxi wkoll l-istruttura ġenerali tal-proposta, li tikkonsisti fi tliet pilastr: l-ewwel wieħed jistabbilixxi l-erba' kriterji ta' kwalità, li l-konformità kumulattiva tagħhom tagħmel l-assorbimenti tal-karbonju eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni. It-tieni pilastru jiddetermina l-elementi ewlenin tal-proċess ta' verifika u ta' ċertifikazzjoni. It-tielet pilastru jipprovdi regoli għall-funzjonament tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni.

L-Artikolu 2 jipprevedi t-terminoloġija ewlenija meħtieġa biex jitlestew id-dispożizzjonijiet tar-Regolament propost, b'mod partikolari d-definizzjonijiet tal-assorbimenti tal-karbonju u tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.

L-Artikolu 3 jidentifika ż-żewġ kundizzjonijiet biex l-assorbimenti tal-karbonju jkunu eliġibbli skont il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni: l-ewwel nett, li għandhom jiġu ġġenerati minn attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jissodisfaw il-kriterji ta' kwalità; u, it-tieni, li għandhom jiġu vverifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni indipendenti.

L-ewwel pilastru tar-Regolament propost huwa definit fl-Artikoli 4 sa 8. L-Artikolu 4 jistabbilixxi regoli għall-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju skont linja bażi, filwaqt li l-Artikoli 5, 6 u 7 jistabbilixxu l-kriterji ta' kwalità dwar l-addizzjonalità, il-ħżin fit-tul u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju. L-Artikolu 8 jipprovdi l-għoti tas-setgħa għal atti delegati tal-Kummissjoni, li se jistabbilixxu metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għall-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-kwalità. L-Anness I jelenka l-elementi li għandhom jiġu inklużi f'dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni.

It-tieni pilastru tar-Regolament propost dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità huwa stabbilit fl-Artikoli 9 u 10.

L-Artikolu 9 jiddefinixxi l-elementi ewlenin tal-proċess ta' ċertifikazzjoni li huwa magħmul minn żewġ passi. Fi stadju inizjali, operatur jissottometti informazzjoni komprensiva dwar l-attività tal-assorbiment tal-karbonju u l-konformità mistennija tagħha mal-kriterji ta' kwalità lil korp ta' ċertifikazzjoni. Il-korp ta' ċertifikazzjoni jwettaq awditu biex jivverifika l-asserzjonijiet tal-operatur, joħroġ rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u – jekk il-kriterji tal-kwalità jiġu ssodisfati – ċertifikat.

Fit-tieni stadju, il-korp ta' ċertifikazzjoni jwettaq awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex jivverifika li l-attività tal-assorbiment tal-karbonju ġiet implimentata b'mod korrett u f'konformità sħiħa mal-kriterji ta' kwalità, u joħroġ rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid u ċertifikat aġġornat, li abbażi tiegħu l-iskema ta' ċertifikazzjoni toħroġ u tirreġistra l-unitajiet iċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju. L-Anness II jelenka l-informazzjoni minima li għandha tiġi inkluża fiċ-ċertifikat.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi kundizzjonijiet minimi għall-korpi ta' ċertifikazzjoni biex jiżguraw il-kompetenza tagħhom li jwettqu l-awditi ta' ċertifikazzjoni u l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom. Dan jistabbilixxi wkoll obbligu għall-Istati Membri li jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.

It-tielet pilastru fir-rigward tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni huwa ddeterminat fl-Artikoli 11 sa 14. L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-obbligu għall-operaturi li jużaw skemi ta' ċertifikazzjoni, rikonoxxuti mill-Kummissjoni, biex juru l-konformità mal-kriterji tal-kwalità. Dan l-artikolu jistabbilixxi wkoll għadd ta' rekwiżiti għall-funzjonament tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni, inklużi miżuri biex jiżguraw il-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

L-Artikolu 12 jimponi l-obbligu għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni li jstabilixxu u jżommu reġistri pubbliċi għal evidenza ta' attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju u unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju. Huwa ta' importanza ewlenija li r-reġistri jużaw sistemi awtomatizzati u jkunu interoperabbli sabiex jiġu pprevenuti l-frodi u jiġi evitat għadd doppju.

L-Artikolu 13 jipprovdi l-bażi ġuridika għar-rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u l-Artikolu 14 jippreskrivi r-rekwiżiti ta' rapportar dwar l-iskemi ta' ċertifikazzjoni.

L-Artikolu 18 jipprevedi rieżami tar-Regolament: għall-ewwel darba tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u mhux aktar tard minn tmiem l-2028, u mbagħad f'intervalli regolari wara kull rendikont eżerċitat kif stabbilit fil-Ftehim ta' Pariġi.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁰,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni²¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Skont il-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima²² ("il-Ftehim ta' Pariġi"), il-komunità internazzjonali qablet li żżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali ferm inqas minn 2° C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li ssegwi sforzi biex tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1,5° C ogħla mil-livelli preindustrijali. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi u huma impenjati bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tiegħu bit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ż-żieda fl-assorbimenti tal-karbonju.
- (2) Fuq skala globali, l-aħħar rapport²³ tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jindika probabbiltà dejjem tonqos li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C sakemm ma jseħħx tnaqqis rapidu u kbir fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) globali matul id-deċennji li ġejjin. Ir-rapport tal-IPCC jiddikjara wkoll b'mod ċar li "l-użu tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju biex jiġu kontrobalanċjati l-emissjonijiet residwi diffiċli sabiex jitrażżnu huwa inevitabbli jekk għandhom jinkisbu n-newtralità karbonika (CO₂) jew in-newtralità klimatika". Dan se jirrikjedi l-użu fuq skala kbira ta' attivitajiet sostenibbli għall-qbid tas-CO₂ mill-atmosfera u l-ħżin fit-tul tiegħu f'riżervi ġeoloġiċi, f'ekosistemi terrestri u tal-baħar, jew fi prodotti. Illum u bil-politiki attwali, l-Unjoni ma hijiex miexja fit-triq it-tajba biex twettaq l-assorbimenti tal-karbonju meħtieġa: l-assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri bdew jonqsu

²⁰ ĠU C [...], [...], p. [...]

²¹ ĠU C [...], [...], p. [...]

²² Approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

²³ Grupp ta' Ħidma III tal-IPCC (2022), Sommarju Tekniku. Fi: Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change. Sixth Assessment Report (link).

f'dawn l-aħħar snin, u fl-Unjoni bħalissa mhux qed iseħħ l-ebda assorbiment industrijali sinifikanti tal-karbonju.

- (3) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi żviluppat qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, bil-għan li jiġi incenivat l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja, b'ħarsien sħiħ tal-oġettivi tal-bijodiversità u ta' tniġġis zero. Huwa għodda li tappoġġa l-ilħuq tal-oġettivi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-għan tan-newtralità klimatika kollettiva sal-2050 stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴. L-Unjoni impenjat ruħha wkoll li tiġġenera emissjonijiet negattivi wara l-2050. Strument importanti għat-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri huwa r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, li bħalissa qiegħed jiġi rieżaminat. L-oġettiv tar-rieżami huwa li tiġi stabbilita mira tal-Unjoni ta' assorbimenti netti ta' 310 Mt ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030, u li jiġu allokat i l-miri rispettivi lil kull Stat Membru.
- (4) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju fl-Unjoni li jirriżultaw f'benefiċċju mhux ambigwu tal-assorbiment nett tal-karbonju, filwaqt li jevita l-greenwashing. Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali qafas ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jħeġġeġ ukoll l-adozzjoni ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw kobenefiċċji għall-bijodiversità, u b'hekk jintlaħqu l-miri tar-restawr tan-natura stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar ir-restawr tan-natura. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jkun strumentali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali u fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.
- (5) Sabiex jiġu appoġġati l-operaturi li jkunu lesti jagħmlu sforzi addizzjonali biex iżidu l-assorbimenti tal-karbonju b'mod sostenibbli, il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jqis it-tipi differenti ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, l-ispeċifitajiet tagħhom u l-impatti ambjentali relatati. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi definizzjonijiet ċari tal-assorbiment tal-karbonju, tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, u ta' elementi oħra tal-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni.
- (6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti li permezz tagħhom l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni. Għal dan il-għan, l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'mod preċiż u robust; u jenħtieġ li jiġu ġġenerati biss minn attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, li jkunu addizzjonali, li jkollhom l-għan li jiżguraw il-ħżin fit-tul tal-karbonju, u li jkollhom impatt newtrali jew kobenefiċċju fuq l-oġettivi ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn partijiet terzi sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tal-proċess ta' ċertifikazzjoni. Hemm fis-seħħ regoli obligatorji tal-Unjoni dwar l-ipprezzar tal-karbonju stabbiliti permezz tad-Direttiva 2003/87/KE tal-

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċizzjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ li jirregolaw it-trattament tal-emissjonijiet minn attivitajiet koperti minn dik id-Direttiva. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/87/KE, ħlief fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti ta' emissjonijiet minn bijomassa sostenibbli li għandhom klassifikazzjoni zero f'konformità mal-Anness IV tagħha.

- (7) Attività tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li tirriżulta f'benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju li juri li twassal impatt klimatiku pożittiv. Il-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju jenħtieġ li jiġi kkalkolat billi jiġu segwiti żewġ passi. L-ewwel nett, l-operaturi jenħtieġ li jikkwantifikaw l-ammont ta' assorbimenti addizzjonali tal-karbonju li attività tal-assorbiment tal-karbonju tkun iġġenerat meta mqabbla ma' linja bażi. Jenħtieġ li tiġi ppreferuta linja bażi standardizzata li tirrifletti l-prestazzjoni standard ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u f'postijiet ġeografiċi simili minħabba li tiżgura l-oġġettività, timminimizza l-konformità u kostijiet amministrattivi oħra, u tirrikonoxxi b'mod pożittiv l-azzjoni tal-innovaturi li diġà kienu involuti f'attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji diġitali disponibbli, inklużi l-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografiċi, it-telerilevament, l-intelliġenza artifiċjali u l-apprendiment awtomatiku, u l-użu ta' mapep elettroniċi biex jitnaqqsu l-kostijiet li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' linji bażi u mill-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita tali linja bażi standardizzata, tista' tintuża linja bażi speċifika għall-proġett ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali tal-operatur. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u biex tiġi mhegħga l-ambizzjoni maż-żmien f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-linji bażi jenħtieġ li jiġu aġġornati perjodikament.
- (8) It-tieni pass għall-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju jenħtieġ li jikkonsisti fit-tnaqqis ta' kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatata mal-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju. L-emissjonijiet rilevanti ta' gassijiet serra li jenħtieġ li jitqiesu jinkludu l-emissjonijiet diretti, bħal dawk li jirriżultaw mill-użu ta' aktar fertilizzanti, fjuwil jew enerġija, jew emissjonijiet indiretti, bħal dawk li jirriżultaw mit-tibdil fl-użu tal-art, b'riskji konsegwenti għas-sigurtà alimentari minħabba l-ispostament tal-produzzjoni agrikola. Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li ma jitqiesx biex jiġi kkwantifikat il-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, iżda jenħtieġ li jitqies bħala kobenefiċċju lejn l-oġġettiv ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; billi jiġi rrapportat fuq iċ-ċertifikati, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (bħall-kobenefiċċji tas-sostenibbiltà l-oħra) jista' jżid il-valur tal-assorbimenti tal-karbonju ċċertifikati.
- (9) Attività tal-assorbiment tal-karbonju twassal għal benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju meta l-assorbimenti tal-karbonju 'l fuq mil-linja bażi jегhlbu kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minħabba l-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju. Pereżempju, fil-każ ta' attivitajiet li jwasslu għal ħżin permanenti tal-karbonju billi l-karbonju jiġi injettat taħt l-art, l-ammont ta' karbonju mażzun b'mod permanenti jenħtieġ li jkun akbar mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra

²⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

relatati mal-enerġija mill-proċess industrijali. Fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-karbonju li jinqabad minn attività ta' tisgħir jew il-karbonju li jinżamm fl-art minn attività ta' tixrib mill-ġdid tat-torbieri jenħtieġ li jegħleb l-emissjonijiet mill-makkinarju li jintuża biex titwettaq l-attività tal-assorbiment tal-karbonju jew mill-emissjonijiet ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li jistgħu jiġu kkawżati mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

- (10) L-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti u komparabbli. L-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni jenħtieġ li jiġu rrapportati u jitqiesu kif xieraq sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' stima eċċessiva tal-kwantità tad-diossidu tal-karbonju assorbit mill-atmosfera. L-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'livell għoli ta' akkuratezza biex tiġi żgurata l-ogħla kwalità u jiġu mminimizzati l-inċertezzi. Barra minn hekk, sabiex jiġu inċentivati s-sinerġiji bejn l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, jeħtieġ li jkun meħtieġ monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk tingħata għajnuna għall-protezzjoni u għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar bis-satellita u fuq il-post tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jirriflettu mill-qrib dawk l-approċċi, u jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji avvanzati disponibbli fl-ambitu tal-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod diġà eżistenti, u jiżguraw konsistenza mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.
- (11) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jagħti inċentivi lejn l-assorbimenti tal-karbonju li jmorru lil hinn mill-prattika standard, jenħtieġ li l-attivitàjiet tal-assorbiment tal-karbonju jkunu addizzjonali. Għalhekk, dawn l-attivitàjiet jenħtieġ li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji, jiġifieri, jenħtieġ li l-operaturi jwettqu attivitàjiet li ma humiex diġà imposti fuqhom mil-liġi applikabbli. Barra minn hekk, l-attivitàjiet ta' assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jsiru minħabba l-effett ta' inċentiv ipprovdut miċ-ċertifikazzjoni. Tali effett huwa preżenti meta l-inċentiv li jinħoloq mid-dħul potenzjali, u li jirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, jibdel l-imġiba tal-operaturi b'tali mod li jinvolvu ruħhom fl-attività addizzjonali tal-assorbiment tal-karbonju biex jiksibu assorbimenti addizzjonali tal-karbonju.
- (12) Linja bażi standardizzata jenħtieġ li tirrifletti l-kundizzjonijiet statutorji u tas-suq li permezz tagħhom isseħħ l-attività tal-assorbiment tal-karbonju. Jekk attività tal-assorbiment tal-karbonju tiġi imposta fuq l-operaturi mil-liġi applikabbli, jew ma jkollha bżonn l-ebda inċentiv biex isseħħ, il-prestazzjoni tagħha tiġi riflessa fil-linja bażi. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li attività tal-assorbiment tal-karbonju li tiġġenera assorbimenti tal-karbonju li jaqbżu tali linja bażi tiġi preżunta bħala addizzjonali. Għalhekk, l-użu ta' linja bażi standardizzata jenħtieġ li jissimplifika d-dimostrazzjoni tal-addizzjonalità għall-operaturi. Għalhekk, jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, li huwa partikolarment importanti fil-każ ta' maniġers tal-art fuq skala żgħira.
- (13) Il-karbonju atmosferiku u bijoġeniku li jinqabad u li jinħażen permezz ta' attività tal-assorbiment tal-karbonju jista' jiġi rilaxxat lura fl-atmosfera (eż. treġġigħ lura) minħabba kawżi naturali jew antropoġeniċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-miżuri preventivi rilevanti kollha biex jimmitigaw dawk ir-riskji u jimmonitorjaw kif xieraq li l-karbonju jkompli jinħażen matul il-perjodu ta' monitoraġġ stabbilit għall-attività rilevanti tal-assorbiment tal-karbonju. Il-validità tal-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju jenħtieġ li tiddependi fuq id-durata mistennija tal-ħżin u r-riskji differenti tat-treġġigħ lura assoċjati mal-attività partikolari tal-assorbiment tal-karbonju. L-

attivitajiet li jaħżnu l-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi jipprovdu biżżejjed ċertezza dwar id-durata fit-tul ta' ħafna ta' diversi sekli għall-karbonju maħżun u jistgħu jitqiesu bħala li jipprovdu ħżin permanenti tal-karbonju. Is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti huma aktar esposti għar-riskju ta' rilaxx volontarju jew involontarju tal-karbonju fl-atmosfera. Sabiex jitqies dan ir-riskju, il-validità tal-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mill-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li tkun soġġetta għal data ta' skadenza li taqbel mat-tmiem tal-perjodu ta' monitoraġġ rilevanti. Minn hemm 'il quddiem, il-karbonju jenħtieġ li jiġi preżunt li jiġi rilaxxat fl-atmosfera, sakemm l-operatur ekonomiku ma jagħtix prova taż-żamma tal-ħżin tal-karbonju permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ mingħajr interruzzjoni.

- (14) Minbarra l-miżuri li jittieħdu biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera matul il-perjodu ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa biex jiġu indirizzati każijiet ta' treġġiġh lura. Tali mekkaniżmi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-iskontar ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, buffers kollettivi jew ta' kontijiet ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, u mekkaniżmi ta' assigurazzjoni bil-quddiem. Peress li l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà fir-rigward tal-ħżin ġeoloġiku u t-tnixxija tas-CO₂, u l-miżuri korrettivi rilevanti diġà ġew stabbiliti bid-Direttiva 2003/87/KE u bid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷, daww il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u l-miżuri korrettivi jenħtieġ li japplikaw biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni doppja.

(15) L-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju għandhom potenzjal qawwi li jwasslu soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku għas-sostenibbiltà, anki jekk il-kompromessi ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jkollhom impatt newtrali jew jiġġeneraw kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis. Daww ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jenħtieġ li, kif xieraq, u filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet lokali, jibnu fuq il-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" fir-rigward tal-attivitajiet tal-forestrija u l-ħżin ġeoloġiku permanenti taħt l-art tas-CO₂, stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139²⁸, u fuq il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-materja prima tal-bijomassa tal-foresti u tal-agrikoltura stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹. Il-prattiki, bħall-monokulturi tal-foresti, li jipproduċu effetti dannużi għall-bijodiversità jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni.

²⁷ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

²⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġġettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

²⁹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (16) Il-prattiki tal-biedja li jassorbu s-CO₂ mill-atmosfera jikkontribwixxu għall-oġġettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika u jenħtieġ li jiġu ppremjati, jew permezz tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jew permezz ta' inizjattivi pubbliċi jew privati oħra. B'mod speċifiku, dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis il-prattiki tal-biedja kif imsemmija fil-Komunikazzjoni dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli³⁰.
- (17) L-operaturi jew gruppi ta' operaturi jistgħu jirrapportaw kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Għal dan il-għan, ir-rapportar tagħhom jenħtieġ li jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju, żviluppati mill-Kummissjoni. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li, kemm jista' jkun, jinċentivaw il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji għall-bijodiversità li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Dawn il-kobenefiċċji addizzjonali se jagħtu aktar valur ekonomiku lill-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju u se jirriżultaw fi dħul ogħla għall-operaturi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, huwa xieraq li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta dwar l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jipprovdu kobenefiċċji sinifikanti għall-bijodiversità.
- (18) Huwa xieraq li jiġu żviluppati metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju sabiex jiġu applikati, b'mod standardizzati, verifikabbli u komparabbli, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni robusta u trasparenti tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat mill-attività tal-assorbiment tal-karbonju, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi jew għall-grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u għas-sidien tal-foresti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jistabbilixxu metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u mal-atturi interessati l-oħra kollha. Jeħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, jibnu fuq skemi u metodoloġiji pubbliċi u privati eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju, u jqisu kwalunkwe standard u regola rilevanti adottati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.
- (19) Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kredibbli u affidabbli, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn parti terza. B'mod partikolari, l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditu ta' ċertifikazzjoni inizjali qabel l-implimentazzjoni tagħhom, li jivverifika l-konformità tagħhom mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluża l-kwantifikazzjoni korretta tal-benefiċċju mistenni tal-assorbiment nett tal-karbonju. L-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex tiġi vverifikata l-konformità tal-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, id-dettalji tekniċi, u l-informazzjoni minima li għandha tkun

³⁰

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, COM(2021) 800.

inkluża fid-deskrizzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, u fir-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

- (20) L-għoti ta' għarfien, għodod u metodi mtejbja lill-manigiers tal-artijiet għal valutazzjoni u ottimizzazzjoni aħjar tal-assorbimenti tal-karbonju huwa kruċjali għall-implimentazzjoni kosteffiċjenti tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u biex jiġi żgurat l-involviment tagħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-bdiewa tal-Unjoni b'azjenda agrikola żgħira jew għas-sidien tal-foresti li spiss ma jkollhomx l-għarfien u l-għarfien espert meħtieġ biex jimplimentaw attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju u biex jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità meħtieġa u mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni relatati. Għalhekk, huwa xieraq li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jintalbu jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi konsultattivi rilevanti permezz ta' parir tekniku lill-membri tagħhom. Il-Politika Agrikola Komuni u l-għajnuna nazzjonali mill-Istat jistgħu jappoġġaw finanzjarjament il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, l-iskambju tal-għarfien, it-taħriġ, l-azzjonijiet ta' informazzjoni jew proġetti interattivi ta' innovazzjoni mal-bdiewa u l-forestiera.
- (21) Huwa xieraq li ċ-ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju jkunu l-bażi ta' użi finali differenti, bħall-kompilazzjoni ta' inventarji nazzjonali u korporattivi tal-gassijiet serra, inkluż fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, il-prova ta' asserzjonijiet relatati mal-klima u ta' asserzjonijiet korporattivi ambjentali oħra (inkluż dwar il-bijodiversità), jew l-iskambju ta' unitajiet ivverifikati tal-assorbiment tal-karbonju permezz ta' swieq volontarji ta' kumpens tal-karbonju. Għal dan il-għan, iċ-ċertifikat jenħtieġ li jkun fih informazzjoni preċiża u trasparenti dwar l-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inklużi l-assorbimenti totali u l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju li jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika jew temenda ulterjorment l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati.
- (22) Sabiex tiġi żgurata verifika akkurata, robusta u trasparenti, il-korpi ta' ċertifikazzjoni responsabbli għat-tweqqif ta' ċertifikazzjoni tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³². Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess possibbli, il-korpi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu kompletament indipendenti mill-operatur li jwettaq l-attività tal-assorbiment tal-karbonju li hija soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-proċess ta' ċertifikazzjoni billi jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li huma akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni, u billi jinformat l-iskemi ta' ċertifikazzjoni dwar is-sejbiet rilevanti ta' nuqqas ta' konformità.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

³² Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (23) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw l-akkuratezza, l-affidabbiltà, l-integrità u n-nonripudju tal-orijini, u l-protezzjoni kontra l-frodi tal-informazzjoni u tad-*data* sottomessa mill-operaturi. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-kontabbiltà korretta tal-unitajiet ivverifikati tal-assorbiment tal-karbonju, b'mod partikolari billi jiġi evitat għadd doppju. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, inklużi standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza, kontabbiltà u awditjar indipendenti li għandhom jiġu applikati minn skemi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-operaturi u għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kosteffettiv, daww ir-regoli tekniċi armonizzati dwar iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkollhom ukoll l-oġettiv li jnaqqsu l-piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-operaturi, jew grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-Intrapriżi Żgħira u Medji (SMEs), inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-forestiera.
- (24) Sabiex jiġi żgurat kontroll affidabbli u armonizzat ta' ċertifikazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjonijiet li jirrikonoxxu skemi ta' ċertifikazzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-kompetenza teknika, l-affidabbiltà, it-trasparenza u l-awditjar indipendenti. Tali deċiżjonijiet ta' rikonoxximent jenħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-kontenut u l-proċessi tar-rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni mill-Unjoni.
- (25) Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali³³ ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) rigward l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni pubblika u mal-aċċess għall-ġustizzja jibqgħu applikabbli, fejn rilevanti.
- (26) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu u jżommu reġistri pubbliċi interoperabbli sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-traċċabbiltà sħiħa ta' ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju, u biex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' għadd doppju. Il-frodi tista' sseħħ jekk jinħareġ aktar minn ċertifikat wieħed għall-istess attività tal-assorbiment tal-karbonju minħabba li l-attività tkun ġiet irreġistrata taħt żewġ skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jew tkun ġiet irreġistrata darbtejn taħt l-istess skema. Il-frodi tista' sseħħ ukoll meta l-istess ċertifikat jintuża diversi drabi biex issir l-istess asserzjoni bbażata fuq attività tal-assorbiment tal-karbonju jew unità tal-assorbiment tal-karbonju. Ir-reġistri jenħtieġ li jaħżnu d-dokumenti li jirriżultaw mill-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, inklużi s-sommarji tal-awditi ta' ċertifikazzjoni u r-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika. Ir-reġistri jenħtieġ li jirreġistraw ukoll l-unitajiet iċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi

³³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

fis-suq uniku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu standards u regoli tekniċi dwar il-funzjonament u l-interoperabbiltà ta' dawk ir-reġistri.

- (27) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom rwol importanti biex jipprovdu evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' kwalità għall-assorbimenti tal-karbonju. Għalhekk, huwa xieraq li l-Kummissjoni tirrikjedi li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jirrapportaw regolarment dwar l-attività tagħhom. Tali rapporti jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-pubbliku, bis-sħiħ jew fejn xieraq f'format aggregat, sabiex tiżdied it-trasparenza u tittejjeb is-superviżjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, tali rappurtar ikun jipprovdi l-informazzjoni neċessarja sabiex il-Kummissjoni tirrapporta dwar t-tħaddim tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni bil-ħsieb li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u biex tiġi ppreżentata proposta, jekk ikun adatt, sabiex tali Prattiki tajbin jiġu promossi ulterjorment. Sabiex jiġi żgurat rappurtar komparabbli u konsistenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji tekniċi dwar il-kontenut u l-format tar-rapporti mfassla mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni.
- (28) Sabiex l-operaturi jkun jistgħu japplikaw il-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod standardizzat u kosteffettiv, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' attivitajiet differenti ta' assorbiment tal-karbonju, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għal tipi differenti ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' temenda wkoll l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (29) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵. Sabiex teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi meġġuna fil-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament minn Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶.

³⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

³⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- (30) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u sussegwentement mhux aktar tard minn 6 xhur wara r-rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi. Dawk ir-rieżamijiet jenħtieġ li jqisu l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni, il-progress teknoloġiku u xjentifiku, l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-assorbimenti tal-karbonju u s-sigurtà alimentari inklużi d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ikel, u jenħtieġ li jiġu informati bir-riżultati tar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (31) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi promoss l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja filwaqt li jiġi minimizzat ir-riskju ta' greenwashing, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, dawk l-oġġettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. L-oġġettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiffaċilita l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju minn operaturi jew gruppi ta' operaturi. Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju billi jistabbilixxi:
 - (a) kriterji tal-kwalità għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju li jseħħu fl-Unjoni;
 - (b) regoli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju;
 - (c) regoli għall-funzjonament u r-rikonnoxximent ta' skemi ta' ċertifikazzjoni mill-Kummissjoni.
2. Dan il-qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju ma japplikax għall-emissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, bl-eċċezzjoni tal-ħżin tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn bijomassa sostenibbli li jkunu ugwali għal żero skont l-Anness IV tagħha.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "assorbiment tal-karbonju" tfisser jew il-ħżin ta' karbonju atmosferiku jew bijoġeniku f'raggruppamenti tal-karbonju ġeoloġiku, f'raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku, fi prodotti u f'materjali dejjiema, u fl-ambjent tal-baħar,

jew it-tnaqqis tar-rilaxx tal-karbonju minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku fl-atmosfera;

- (b) “attività tal-assorbiment tal-karbonju” tfisser prattika jew proċess wieħed jew aktar li jitwettaq minn operatur li jirriżulta fi ħżin permanenti tal-karbonju, li jtejjeb il-qbid tal-karbonju f’raggruppament tal-karbonju bijoġeniku, u b’hekk inaqqas ir-rilaxx tal-karbonju minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku fl-atmosfera, jew il-ħżin ta’ karbonju atmosferiku jew bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;
- (c) “raggruppament tal-karbonju bijoġeniku” tfisser bijomassa tal-wiċċ, bijomassa taħt l-art, skart, injam mejjet u karbonju organiku fil-ħamrija kif stabbilit fil-punti (a) sa (e) tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament 2018/841;
- (d) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li topera jew li tikkontrolla attività tal-assorbiment tal-karbonju, jew li lilha tkun għet delegata setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-attività;
- (e) “grupp ta’ operatori” tfisser entità ġuridika li tirrappreżenta aktar minn operatur wieħed u li hija responsabbli għall-iżgurar li daww l-operatori jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament;
- (f) “perjodu ta’ monitoraġġ” tfisser perjodu, li d-durata tiegħu tiġi ddeterminata f’konformità mat-tip ta’ attività tal-assorbiment tal-karbonju, li matulu l-ħżin tal-karbonju jiġi mmonitorjat mill-operatur;
- (g) “ħżin permanenti tal-karbonju” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju li, f’ċirkostanzi normali u permezz ta’ prattiki ta’ ġestjoni xierqa, taħżen karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal diversi sekli, inkluża l-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju dirett mill-arja;
- (h) “sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju relatata mal-ġestjoni tal-art li tirriżulta fiż-żieda tal-ħżin tal-karbonju fil-bijomassa ħajja, fil-materja organika mejta u fil-ħamrija billi jtejjeb il-qbid tal-karbonju u/jew jtnaqqas ir-rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera;
- (i) “ħżin tal-karbonju fil-prodotti” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju li taħżen karbonju atmosferiku u bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;
- (j) “korp ta’ ċertifikazzjoni” tfisser korp ta’ valutazzjoni tal-konformità indipendenti, akkreditat jew rikonoxxut li jkun ikkonkluda ftehim ma’ skema ta’ ċertifikazzjoni biex iwettaq awditu ta’ ċertifikazzjoni u joħroġ ċertifikati;
- (k) “skema ta’ ċertifikazzjoni” tfisser skema ġestita minn organizzazzjoni privata jew pubblika li tissorvelja ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-operatori jew tal-grupp ta’ operatori ma’ dan ir-Regolament;
- (l) “awditu ta’ ċertifikazzjoni” tfisser awditu li jitwettaq minn korp ta’ ċertifikazzjoni;
- (m) “awditu ta’ ċertifikazzjoni mill-ġdid” tfisser awditu li jitwettaq fil-proċess tat-tiġdid ta’ ċertifikat maħruġ minn korp ta’ ċertifikazzjoni;
- (n) “ċertifikat” tfisser dikjarazzjoni ta’ konformità maħruġa mill-korp ta’ ċertifikazzjoni li tiċċertifika li l-attività tal-assorbiment tal-karbonju tikkonforma ma’ dan ir-Regolament;

- (o) “unità tal-assorbiment tal-karbonju” tfisser tunnellata ta’ benefiċċju iċċertifikat tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat minn attività tal-assorbiment tal-karbonju u rreġistrat minn skema ta’ ċertifikazzjoni.

Artikolu 3

Eliġibbiltà għaċ-ċertifikazzjoni

L-assorbimenti tal-karbonju għandhom ikunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament meta jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) jiġu ġġenerati minn attività tal-assorbiment tal-karbonju li tikkonforma mal-kriterji ta’ kwalità stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7;
- (b) jiġu vverifikati b’mod indipendenti f’konformità mal-Artikolu 9.

Kapitolu 2

KRITERJI TAL-KWALITÀ

Artikolu 4

Kwantifikazzjoni

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha tipprovdi benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, li għandu jiġi kkwantifikat permezz tal-formula li ġejja:

$$\text{Benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju} = CR_{\text{linja bażi}} - CR_{\text{total}} - GHG_{\text{żieda}} > 0$$

fejn:

- (a) $CR_{\text{linja bażi}}$ hija l-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi;
- (b) CR_{total} hija l-assorbimenti totali tal-karbonju tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju;
- (c) GHG_{żieda} hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta’ gassijiet serra, minbarra dawk minn raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku fil-każ ta’ sekwestru tal-karbonju f’art agrikola, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.
2. Fil-każ ta’ sekwestru tal-karbonju f’art agrikola, $CR_{\text{linja bażi}}$ u CR_{total} għandhom jinftehm bħala assorbimenti netti ta’ gassijiet serra jew emissjonijiet f’konformità mar-regoli kontabilistiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/841.
3. Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c), għandhom jiġu indikati b’sinjal negattiv (-) jekk ikunu assorbimenti netti ta’ gassijiet serra u b’sinjal pożittiv (+) jekk ikunu emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra; dawn għandhom jiġu espressi f’tunnellati ta’ ekwivalenti ta’ diossidu tal-karbonju.
4. L-assorbimenti tal-karbonju għandhom jiġu kkwantifikati b’mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti, komparabbli u trasparenti.
5. Il-linja bażi għandha tikkorrispondi għall-prestazzjoni standard tal-assorbiment tal-karbonju ta’ attivitajiet komparabbli f’ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi simili u tqis il-kuntest ġeografiku.
6. B’deroga mill-paragrafu 5, fejn ikun debitament ġustifikat, il-linja bażi tista’ tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali tal-assorbiment tal-karbonju ta’ dik l-attività.

7. Il-linja bażi għandha tiġi aġġornata perijodikament.
8. Il-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju għandha tqis l-inċertezzi f'konformità mal-approċċi statistiċi rikonoxxuti.
9. Sabiex tiġi appoġġata l-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-operatur jew il-grupp ta' operaturi għandu jġibor *data* dwar l-assorbimenti tal-karbonju u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod kompatibbli mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u l-Parti 3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Artikolu 5

Addizzjonalità

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha tkun addizzjonali. Għal dak il-għan, l-attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha tissodisfa ż-żewġ kriterji li ġejjin:
 - (a) tmur lil hinn mir-rekwiżiti statutorji tal-Unjoni u dawk nazzjonali;
 - (b) isseħħ minħabba l-effett ta' inċentiv taċ-ċertifikazzjoni.
2. Meta l-linja bażi tkun stabbilita skont l-Artikolu 4(5), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1 titqies li tkun ġiet osservata. Meta l-linja bażi tiġi stabbilita skont l-Artikolu 4(6), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b), għandha tintwera permezz ta' testijiet speċifiċi.

Artikolu 6

Ħżin fit-tul

1. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu juri li attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha l-għan li tiżgura l-ħżin fit-tul tal-karbonju.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, operatur jew grupp ta' operaturi għandu jikkonforma maż-żewġ kriterji li ġejjin:
 - (a) għandu jimmonitorja u jimmitiga kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju maħżun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ;
 - (b) għandu jkun soġġett għal mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe rilaxx tal-karbonju maħżun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ.
3. Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, il-karbonju li jinħażen b'attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jitqies rilaxxat fl-atmosfera fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ.

Artikolu 7

Sostenibbiltà

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jkollha impatt newtrali fuq jew tiġġenera kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà kollha li ġejjin:
 - (a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima lil hinn mill-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(1);
 - (b) l-adattament għat-tibdil fil-klima;

- (c) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar;
 - (d) it-tranzizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;
 - (e) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;
 - (f) il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 8.
 3. Meta operatur jew grupp ta' operatori jirrapporta kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 lil hinn mir-rekwiżiti minimi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 2, dan għandu jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinċentivaw kemm jista' jkun il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari għall-oġġettivi imsemmi fil-paragrafu 1(f).

Artikolu 8

Metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni

1. Operatur jew grupp ta' operatori għandu japplika l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni rilevanti biex jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tistabbilixxi l-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal attivitajiet relatati mal-ħżin permanenti tal-karbonju, mas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti. Dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I.
3. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-oġġettivi li tiġi żgurata r-robustezza tal-assorbimenti tal-karbonju u li jiġu rikonoxxuti l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi;
 - (b) l-oġġettivi li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, b'mod partikolari għall-operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira;
 - (c) il-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali;
 - (d) il-metodoloġiji u l-istandards ta' ċertifikazzjoni rilevanti tal-Unjoni u dawk internazzjonali.

Kapitolu 3

ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 9

Ċertifikazzjoni ta' konformità

1. Biex japplika għal ċertifikazzjoni ta' konformità ma' dan ir-Regolament, operatur jew grupp ta' operatori għandu jissottometti applikazzjoni għal skema ta'

ċertifikazzjoni. Malli dik l-applikazzjoni tiġi aċċettata, l-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti lil korp ta' ċertifikazzjoni deskrizzjoni komprensiva tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inkluża l-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikata biex jiġu vvalutati l-konformità mal-Artikoli 4 sa 7, it-total mistenni tal-assorbimenti tal-karbonju u l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju. Il-gruppi ta' operaturi għandhom jispjefikaw ukoll kif jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza dwar l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, b'mod partikolari lill-operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira.

2. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jwettaq awditu ta' ċertifikazzjoni biex jivverifika l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1 u biex jikkonferma l-konformità tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju mal-Artikoli 4 sa 7. Bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu joħroġ rapport tal-awditur ta' ċertifikazzjoni, li jinkludi sommarju, u ċertifikat li jkun fih, bħala minimu, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II. L-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat, u tagħmel is-sommarju tar-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat disponibbli għall-pubbliku f'reġistru msemmi fl-Artikolu 12.
3. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jwettaq awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex jikkonferma mill-ġdid il-konformità tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju mal-Artikoli 4 sa 7 u jivverifika l-benefiċċju tal-karbonju ġġenerat. Bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu joħroġ rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, li jinkludi sommarju, u ċertifikat aġġornat. L-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid u ċ-ċertifikat aġġornat, u tagħmel is-sommarju tar-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikat aġġornat u l-unitajiet ċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju disponibbli għall-pubbliku f'reġistru msemmi fl-Artikolu 12.
4. L-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jappoġġa lill-korp ta' ċertifikazzjoni matul l-awditi ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, b'mod partikolari billi jagħti aċċess għall-bini tal-attività u jipprovdi d-data u d-dokumentazzjoni rilevanti.
5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi tad-deskrizzjoni komprensiva tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju msemmija fil-paragrafu 1, u tar-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid imsemmija fil-paragrafi 2 u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Artikolu 10

Korpi ta' ċertifikazzjoni

1. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura minn skemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati minn awtorità nazzjonali tal-akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷.
2. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom ikunu:

³⁷ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (a) kompetenti biex iwettqu l-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 9;
 - (b) indipendenti mill-operaturi jew minn grupp ta' operaturi, u jwettqu l-attivitajiet meħtieġa skont dan ir-Regolament fl-interess pubbliku.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(b), il-korpi ta' ċertifikazzjoni jew kwalunkwe parti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni:
- (a) ma għandhiex tkun operatur jew grupp ta' operaturi, is-sid ta' operatur jew ta' grupp ta' operaturi, jew tkun proprjetà tagħhom;
 - (b) ma għandux ikollha relazzjonijiet ma' operaturi jew ma' grupp ta' operaturi, li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom.
4. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippreżentaw, fuq talba mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jissorveljaw l-operat tagħhom, inklużi d-data, il-ħin u l-post tal-awditu msemmija fl-Artikolu 9. Meta l-Istati Membri jsibu kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, huma għandhom jinformaw lill-korp ta' ċertifikazzjoni u lill-iskema ta' ċertifikazzjoni rilevanti b'dan mingħajr dewmien.

Kapitolu 4

SKEMI TA' ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 11

Tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni

1. Sabiex tintwera l-konformità ma' dan ir-Regolament, operatur jew grupp ta' operaturi għandu juża skema ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13.
2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni u l-monitoraġġ interni, il-ġestjoni tal-ilmenti u l-appelli, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, it-trasparenza u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni, il-ħatra u t-taħriġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni, l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, l-iżvilupp u l-ġestjoni tar-reġistri.
3. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-data sottomessi mill-operatur jew minn grupp ta' operaturi għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 9 kinux soġġetti għal awditjar indipendenti u jekk iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità twettqitx b'mod akkurat, affidabbli u kosteffettiv.
4. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippubblikaw, mill-inqas darba fis-sena, lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura, li tiddikjara għal kull korp ta' ċertifikazzjoni permezz ta' liema entità jew awtorità pubblika nazzjonali ġie rikonoxxut u liema entità jew awtorità pubblika nazzjonali tkun qed timmonitorjah.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, li għandhom japplikaw għall-iskemi kollha ta' ċertifikazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni

għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Artikolu 12

Reġistri

1. Skema ta' ċertifikazzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm kif xieraq reġistru pubbliku biex tagħmel l-informazzjoni relatata mal-proċess ta' ċertifikazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku, inklużi ċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u l-kwantità tal-unitajiet tal-assorbimenti tal-karbonju ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 9. Dawk ir-reġistri għandhom jużaw sistemi awtomatizzati, inklużi mudelli elettroniċi, u għandhom ikunu interoperabbli.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-reġistri pubbliċi, u tar-reġistrazzjoni, taż-żamma jew tal-użu ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Artikolu 13

Rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni

1. Skema ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuta mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni biss tista' tintuża minn operatori jew minn grupp ta' operatori biex juri l-konformità ma' dan ir-Regolament. Tali deċiżjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin.
2. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-iskema ta' ċertifikazzjoni pubblika. Ir-rappreżentant legali ta' skema ta' ċertifikazzjoni privata għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-iskema ta' ċertifikazzjoni privata.
3. Il-Kummissjoni tista' tħassar deċiżjoni li tirrikonoxxi skema ta' ċertifikazzjoni skont il-paragrafu 1 meta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tonqos milli timplimenta l-istandards u r-regoli stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(5). Meta Stat Membru jqajjem tħassib li skema ta' ċertifikazzjoni ma taħdimx f'konformità mal-istandards u r-regoli stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(5) li jikkostitwixxu l-bażi għad-deċiżjonijiet skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-kwistjoni u għandha tiegħu azzjoni xierqa, inkluż li tħassar id-deċiżjoni rilevanti.
4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tal-proċessi ta' notifika u rikonoxximent imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Artikolu 14

Rekwiżiti ta' rapportar

1. Kull skema ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuta mill-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-operazzjonijiet tagħha, inkluża deskrizzjoni ta' kwalunkwe każ ta' frodi u miżuri ta' rimedju relatati. Ir-rapport għandu jiġi

ppreżentat kull sena sat-30 ta' April, li jkopri s-sena kalendarja preċedenti. Ir-rekwiżit li jiġi ppreżentat rapport għandu japplika biss għal skemi ta' ċertifikazzjoni li jkunu ilhom joperaw għal mill-inqas 12-il xahar.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku, b'mod sħiħ jew, fejn meħtieġ, biex tippreserva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, f'forma aggregata.
3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-rapporti msemija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 17.

Kapitolu 5

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 15

Emenda għall-Anness II

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-lista ta' informazzjoni minima inkluża fiċ-ċertifikati msemija fl-Artikolu 9.

Artikolu 16

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 8 u 15 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 8 u 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħturin minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Atti delegati adottati skont l-Artikoli 8 u 15 għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit permezz tal-Artikolu 44(1)(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18

Rieżami

1. Dan ir-Regolament għandu jinżamm taħt rieżami fl-aspetti kollha, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi, il-progress teknoloġiku u xjentifiku, l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-assorbimenti tal-karbonju, u s-sigurtà alimentari tal-Unjoni.
2. Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u mhux aktar tard minn tmiem l-2028, u sussegwentement fi żmien sitt xhur wara l-eżitu ta' kull rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Werrej

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	22
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	22
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	22
1.3.	Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' :.....	22
1.4.	Objettiv(i).....	22
1.4.1.	Objettiv(i) ġenerali	22
1.4.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	22
1.4.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	23
1.4.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	23
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	23
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	23
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.	24
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	24
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	25
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	26
1.6.	Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva.....	26
1.7.	Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i	26
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	28
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	28
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	28
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	28
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	28
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' error (mal-ħlas u fl-għeluq).....	28

2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	28
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	29
3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	29
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	30
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	30
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali	33
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	34
3.2.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	37
3.2.5.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	37
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	38

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas Ewropew għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Azzjoni Klimatika

Intestatura 3 Riżorsi naturali u Ambjent Titolu 9 – Ambjent u Azzjoni Klimatika (QFP 2021/27)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **X azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja³⁸**

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali tar-Regolament propost dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju huwa: il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-ilħuq tal-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-objettivi ambjentali l-oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

L-objettivi speċifiċi tar-Regolament propost dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jinkludu:

1. L-istabbiliment ta' erba' kriterji ta' kwalità (bl-akronimu **QU.A.L.ITY**, **QU**antification, **A**dditionality and baselines, **L**ong-term storage, u **IT**y sustainability): **K**wantifikazzjoni, **A**ddizzjonalità and linji bażi, **H**żin fit-tul, u **s**ostenibbiltà sabiex jiġu identifikati u ċertifikati l-assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja ġġenerati fl-UE.

2. L-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni li huma mfassla apposta għal kull tip ta' attività tal-assorbiment tal-karbonju, sabiex tiġi promossa implimentazzjoni armonizzata u korretta tal-kriterji QU.A.L.ITY.

3. Iż-żieda fil-fiduċja tal-pubbliku fl-assorbimenti tal-karbonju billi jiġu żgurati t-trasparenza u r-robustezza tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, inklużi l-iskemi ta'

³⁸

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

ċertifikazzjoni rikonoxxuti mill-Kummissjoni u mir-reġistri pubbliċi tal-assorbimenti tal-karbonju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-aktar impatt importanti tal-adozzjoni tar-Regolament propost se jkun żieda fl-użu ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja, u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Ir-Regolament propost jaffettwa lill-operaturi ekonomiċi bħall-bdiewa, il-forestiera iżda wkoll lill-kumpaniji industrijali li se jiżviluppaw attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju fil-prattika; organizzazzjonijiet privati u awtoritajiet tal-Istati Membri, li jistgħu jiżviluppaw skemi ta' ċertifikazzjoni privati jew pubbliċi biex jimplementaw u jikkontrollaw il-proċess ta' ċertifikazzjoni. B'mod aktar ġenerali, ir-Regolament propost jaffettwa liċ-ċittadini Ewropej u globali kollha, peress li l-azzjoni klimatika hija ben pubbliku ta' natura transfruntiera.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Indikatur #1: l-għadd ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja ċertifikati fl-ambitu tal-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għall-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.

Indikatur #2: l-għadd ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, b'mod partikolari għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, żviluppati mill-Kummissjoni.

Indikatur #3: l-ammont ta' skemi ta' ċertifikazzjoni, rikonoxxuti mill-Kummissjoni, li l-operatur għandu juża biex juri l-konformità mal-kriterji tal-kwalità tal-UE għall-assorbimenti tal-karbonju.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Fl-2021, l-UE żiedet l-ambizzjoni klimatika tagħha permezz tar-Regolament (UE) 2021/1119 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima). Din il-liġi tistabbilixxi mira kumplessiva vinkolanti għat-tnaqqis nett tal-gassijiet serra (GHG) ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u għan-newtralità klimatika sal-2050. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari ta' Marzu 2020 ħabbar li l-Kummissjoni se tiżviluppa qafas regolatorju effettiv għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju biex tinċentiva l-użu tal-assorbiment tal-karbonju u biex iżżid iċ-ċirkolarità tal-karbonju, b'ħarsien sħiħ tal-oġettivi tal-bijodiversità. Din il-proposta twettaq l-impenn ta' politika msemmi hawn fuq.

Matul il-fażi tal-bidu (2024-2025): wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (preżunt fl-2024), f'konsultazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' esperti rilevanti, il-Kummissjoni se tħejji mill-inqas tliet atti delegati li jstabbilixxu l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni

għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju fil-qasam tal-ħżin permanenti, tal-prodotti tal-ħżin tal-karbonju, u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dawn il-metodoloġiji se jkollhom bżonn jiġu aġġornati fuq bażi regolari. Barra minn hekk, għall-approvazzjoni tal-Kumitat rilevanti, se jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tħejji żewġ atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni u l-valutazzjoni u r-rikonossiment tagħhom mill-Kummissjoni, u għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' reġistri pubbliċi tal-assorbimenti tal-karbonju.

Matul il-fażi operazzjonali fuq skala sħiħa (2025-u aktar tard): f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati u mal-Kumitat regolatorju rilevanti, il-Kummissjoni se twettaq il-valutazzjoni ta' għadd ta' skemi ta' ċertifikazzjoni u tirrikonoxxi dawk konformi mal-qafas regolatorju tal-UE permezz ta' deċiżjonijiet speċifiċi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa politika dwar l-assorbimenti tal-karbonju għal perjodu wara l-2030.

- 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

It-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera. L-effetti tiegħu huma globali, irrispettivament mill-post ta', pereżempju, is-sorsi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Għalhekk, dawn l-isfidi ma jistgħux jiġu solvuti b'azzjoni nazzjonali jew lokali biss, peress li azzjoni individwali x'aktarx li ma twassalx għal eżiti ottimali. Il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew issaħħaħ l-azzjoni klimatika u tista' tissupplimenta u ssaħħaħ l-azzjoni nazzjonali u lokali b'mod effettiv; L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata abbażi tas-sussidjarjetà, f'konformità mal-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Qafas Ewropew ikun aktar xieraq minn inizjattivi nazzjonali fl-indirizzar tad-diffikultà biex tiġi vvalutata l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju. Tali qafas jgħid kundizzjonijiet ekwi u suq intern ġust għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, u jsaħħaħ il-komparabbiltà u l-fiduċja. Taħlita ta' inizjattivi nazzjonali f'dan il-qasam twassal biss biex taggrava l-problema aktar milli ssolviha.

Se jkun meħtieġ li r-Regolament propost jiġi appoġġat minn metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni robusti u trasparenti. Fir-rigward tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, se jkun meħtieġ li dawn jibnu u jiżviluppaw ulterjorment l-approċċ segwit fir-regolament eżistenti dwar il-LULUCF. Se jkun meħtieġ ukoll li dawn ikunu jistgħu jagħmlu r-rabta bejn l-għażliet tal-ġestjoni tal-art li jkunu saru fis-settur tal-agrikoltura u tal-LULUCF u l-impatt fuq is-sekwestru tal-karbonju u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

Bħalissa, hemm disponibbli rizersi limitati tal-EEA għall-appoġġ tal-MRV tal-inventarju tal-emissjonijiet tal-LULUCF, skont ir-rekwiżit stabbilit fir-Regolamenti UE 2018/841 (ir-Regolament dwar il-LULUCF) u UE 2018/1999 (ir-Regolament dwar il-Governanza).

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhod*

Filwaqt li r-Regolament propost jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni ġdid għall-UE kollha għall-assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja, dan jibni fuq l-esperjenza eżistenti li ġejja fil-livell tal-UE:

- Skont il-Fond għall-Innovazzjoni³⁹, il-Kummissjoni⁴⁰ żviluppat għadd ta' metodoloġiji tal-UE dettaljati għall-kwantifikazzjoni tal-evitar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' attivitajiet industrijali, inklużi attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju bħal proġetti ta' bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju (BECCS) u tal-Qbid u l-ħżin tal-Karbonju Dirett mill-Arja (DACCS). Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066⁴¹ jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont l-ETS.

- Skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED), il-Kummissjoni kisbet kważi 15-il sena ta' esperjenza fiċ-ċertifikazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bioenerġija. Dawn il-kriterji tal-UE huma implimentati minn madwar 15-il skema ta' ċertifikazzjoni pubblika jew privata (imsejħa skemi volontarji) li ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni. Skont l-RED, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-proċess ta' ċertifikazzjoni li jitwettaq minn korpi ta' ċertifikazzjoni u kkontrollat minn skemi ta' ċertifikazzjoni.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta hija parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari ta' Marzu 2020 ħabbar li l-Kummissjoni se tiżviluppa qafas regolatorju effettiv għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju biex tinċentiva l-użu tal-assorbiment tal-karbonju u biex iżżid iċ-ċirkolarità tal-karbonju, b'ħarsien sħiħ tal-oġġettivi tal-bijodiversità. Barra minn hekk, l-oġġettiv ġenerali tal-Patt Ekoloġiku huwa li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi allinjata maż-żieda fl-ambizzjoni tal-UE għall-klima u l-bijodiversità. Din il-proposta leġiżlattiva tikkomplementa l-proposti dwar il-klima u l-enerġija li saru fil-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-Mira ta' 55 %", b'mod partikolari r-regolament dwar il-LULUCF u d-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

Hemm ukoll rabtiet ugwalment b'saħħithom ma' inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni dwar it-titjib tar-reżiljenza tal-foresti tal-UE għat-tibdil fil-klima, ir-restawr ta' art u ta' ekosistemi degradati, it-tixrib mill-ġdid tat-torbieri u l-promozzjoni tal-bioekonomija, inkluż l-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità:

- a) il-Politika Agrikola Komuni;
- b) l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030;
- c) l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent;
- d) l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti;
- e) il-Pjan tal-UE għar-Restawr tan-Natura;
- f) l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima;

³⁹ Innovation Fund, https://climate.ec.europa.eu/eu-action/funding-climate-action/innovation-fund_en

⁴⁰ Sejħa għal proposti Anness C: Metodoloġija għall-kalkolu tal-evitar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/innovfund/wp-call/call-annex_c_innovfund-lsc-2020-two-stage_en.pdf

⁴¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066, https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2066/oj

- g) Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa;
- h) il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva;
- i) il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero;
- j) Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE;

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Meta wieħed iquis il-limitazzjonijiet attwali rigward il-persunal u dawk finanzjarji mqiegħda fuq il-Kummissjoni, id-DĠ CLIMA uża l-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni interna tiegħu u tejjeb ir-riżorsi tiegħu kemm jista' jkun, billi rrekluta aġenti kuntrattwali u *intramuros* biex jimla n-nuqqas ta' persunal. Madankollu, minkejja li ħafna mill-kompiti (aktar tekniċi, xjentifiċi) huma esternalizzati lil kuntratturi esterni, huwa kruċjali li jkun hemm persunal adegwat biex inżommu l-ħila tagħna li nissodisfaw l-obbligi tagħna u li nimplimentaw il-kompiti addizzjonali mressqa f'din il-proposta leġislattiva għal Regolament dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn nofs l-2024 sal-aħħar tal-2025, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i⁴²

- ☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni
- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi
- ☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri
- ☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:
- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

⁴² Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

Kif inkluż fl-Artikolu 8 tar-Regolament propost, il-Kummissjoni se tiżviluppa għadd ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għat-tipi ewlenin ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, bil-għan li tiġi żgurata implimentazzjoni korretta, armonizzata u kosteffettiva tal-kriterji tal-kwalità tal-UE għall-assorbimenti tal-karbonju.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Kif stabbilit fir-Regolament propost, id-dikjarazzjonijiet dwar l-assorbimenti tal-karbonju li jsiru mill-operaturi se jkollhom jiġu mmonitorjati, irrapportati regolarment u vverifikati b'mod indipendenti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni. Dawn ir-rapporti kollha se jkunu disponibbli pubblikament fuq ir-reġistri tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni u se jipprovdu ammont sinifikanti ta' informazzjoni dwar l-impatti tar-Regolament propost. Barra minn hekk, id-data dwar il-kwantifikazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifikazzjoni (MRV) tal-assorbimenti tal-karbonju miġbura mill-EEA se tkun sors ewlieni ta' informazzjoni għall-Kummissjoni biex tevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament propost. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se timmonitorja l-użu ta' attivitajiet iċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju permezz tar-rapporti annwali tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti mill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni regolarment twettaq studji dwar diversi aspetti pertinenti tal-politika tal-UE dwar il-klima.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Mhux applikabbli - Il-proposta ma hijiex qed timplimenta programm finanzjarju iżda qed tfassal politika fit-tul. Il-mod ta' ġestjoni, il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll b'rabta mar-rati ta' errur ma humiex applikabbli. L-implimentazzjoni ta' din il-proposta se tirrikjedi r-riallokazzjoni tar-riżorsi umani fi ħdan il-Kummissjoni kemm għall-fażi tal-bidu kif ukoll għal dik operattiva fuq skala sħiħa. Hemm fis-seħħ proċeduri xierqa.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Din il-proposta ma toħloqx kontrolli/riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux

koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. Ma ġiet prevista l-ebda miżura speċifika lil hinn

mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Se tapplika l-istrateġija tad-DĠ CLIMA għall-prevenzjoni u għad-detezzjoni ta' frodi.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁴³ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁴⁴	mill-pajjiżi kandidati ⁴⁵	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	09 02 03	Diff.	IVA	LE	LE	LE
3	09 10 02	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE
7	20 01 02 01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 06 01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 06 02	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 06 03	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Mhux

Applikabbli

⁴³ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁴⁴ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁴⁵ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	Riżorsi Naturali u Ambjent
--	----------	-----------------------------------

DĠ: CLIMA			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
○ Appropriazzjonijiet operazzjonali							
09 02 03	Impenji	(1a)	3,000	2,000	-	-	5,000
	Pagamenti	(2a)	1,000	2,000	2,000	-	5,000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁴⁶							
XXX		(3)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ CLIMA	Impenji	= 1a+1b +3	3,000	2,000			5,000
	Pagamenti	=2a+2b +3	1,000	2,000	2,000	-	5,000

⁴⁶ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

○ TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	3,000	2,000			5,000
	Pagamenti	(5)	1,000	2,000	2,000	-	5,000
○ TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	3,000	2,000			5,000
	Pagamenti	=5+ 6	1,000	2,000	2,000	-	5,000

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6					
	Pagamenti	=5+ 6					

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsima timentela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kolloxx, trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
DĠ: CLIMA						
○ Riżorsi umani		0,785	1,099	1,099	1,099	4,082
○ Nefqa amministrattiva oħra		0,070	0,070	0,070	0,070	0,280
TOTAL TAD-DĠ CLIMA	Appropriazzjonijiet	0,855	1,169	1,169	1,169	4,362

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)	0,855	1,169	1,169	1,169	4,362
--	---	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	3,855	3,169	1,169	1,169	9,362
	Pagamenti	1,855	3,169	3,169	1,169	9,362

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (għal tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip ⁴⁷	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁴⁸ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

⁴⁷ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁴⁸ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2024	2025	2026	2027	TOTAL
--	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani	0,785	1,099	1,099	1,099	4,082
Nefqa amministrattiva oħra	0,070	0,070	0,070	0,070	0,280
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,855	1,169	1,169	1,169	4,362

Barra mill- INTESTATURA 7⁴⁹ tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani					
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva					
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali					

TOTAL	0,855	1,169	1,169	1,169	4,362
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

⁴⁹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani.

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	2024	2025	2026	2027
O Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	5	7	7	7
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)				
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)				
01 01 01 11 (Riċerka diretta)				
Linji baġitarji oħra (speċifika)				
O Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)⁵⁰				
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)				
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)				
XX 01 xx yy zz ⁵¹	- fil-Kwartieri Ġenerali			
	- fid-Delegazzjonijiet			
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)				
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)				
Linji baġitarji oħra (speċifika)				
TOTAL	5	7	7	7

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Il-kariga AST se tappoġġa l-ġestjoni tal-Grupp ta' Esperti rilevanti u tal-Kumitat Regolatorju. Il-karigi AD se: - Iħejju għadd ta' atti delegati li jistabbilixxu metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati biex tintwera l-konformità mal-kriterji tal-kwalità tal-UE għall-assorbimenti tal-karbonju. - Iħejju għadd ta' atti ta' implimentazzjoni biex jiġu stabbiliti regoli għaċ-ċertifikazzjoni ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, għall-governanza ta' skemi ta' ċertifikazzjoni u għall-istabbiliment u l-ġestjoni ta' reġistri pubbliċi tal-
---------------------------------	---

⁵⁰ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

⁵¹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

	assorbimenti tal-karbonju. - Iwettqu valutazzjoni tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni li japplikaw għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni u jħejju d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relatati. - Iħejju proposti ta' politika fl-oqsma tal-assorbimenti tal-karbonju għall-perjodu ta' wara l-2030.
Persunal estern	

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Il-fatt li n-nefqa se tiġġarrab fi ħdan il-pakkett LIFE

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.
- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ⁵²	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approporzjonijiet kofinanzjati								

⁵²

Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁵³						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
L-Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

--

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

--

⁵³ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.